PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs

PROVIZORJU
2007/0104(CNS)

.9.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)
(COM(2007)0306 – C6-0215/2007 – 2007/0104(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Carlos Coelho

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa qawwija korsiva. Test korsiv normali huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Pagna

ABBOZZ TA' RIZOLUZZJONI LEGIZLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIZOLUZZJONI LEGIZLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)
(COM(2007)0306 – C6-0215/2007 – 2007/0104(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (COM(2007)0306)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 30(1)(a) u (b), l-Artikolu 31(1)(a) u (b) u l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, skond liema l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0215/2007),

– wara li kkunsidra r-Regoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex temenda l-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Artikolu 3, paragrafu 3
3. Il-Kunsill għandu jikkoordina l-attivitajiet ta' eżaminazzjoni ta' l-Istati Membri u jivvalida r-riżultati ta' l-	3. Il-Kunsill għandu jikkoordina l-attivitajiet ta' eżaminazzjoni ta' l-Istati Membri u jivvalida r-riżultati ta' l-

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

eżaminazzjonijiet u jżomm lill-Kummissjoni infurmata.	eżaminazzjonijiet, ***u jżomm*** lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew*** *infurmati*.

Emenda 2
Artikolu 5, paragrafu 2

2. L-ispejjeż li jagħmlu l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq tal-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.	2. L-ispejjeż li jagħmlu l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għat-twettiq tal-ħidmiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, ***skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 1605/2002 tal-25 Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjaru applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej***.

Emenda 3
Artikolu 5, paragrafu 2a (ġdid)

	2a. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw lid-delegazzjoni, l-ambitu preċiż tad-delegazzjoni, u l-korpi li lilhom ikunu ddelegati l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 4
Artikolu 5 a (ġdid)

	Artikolu 5a
	Sigurtà
	Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri neċessarji (inklużi l-adozzjoni ta' pjan ta' sigurtà) fir-rigward ta' l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.

Emenda 5
Artikolu 9, paragrafu 2

2. ***L-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hi soġġetta għal*** notifika tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill lill-Kummissjoni li l-ebda ftehim jew kuntratt ma jkun ġie konkluż għall-forniment ta' networking u servizzi ta' sigurtà għall-bdil ta' data msemmija fl-Artikolu 1 (1) skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/149/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE.

2. ***Dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu u wara*** notifika tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill lill-Kummissjoni li l-ebda ftehim jew kuntratt ma jkun ġie konkluż għall-forniment ta' networking u servizzi ta' sigurtà għall-bdil ta' data msemmija fl-Artikolu 1 (1) skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/149/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE.

NOTA SPJEGATTIVA

KUNTEST

Is-sistemi SIS 1+ u SIRENE bħalissa joperaw fuq in-netwerk ta' komunikazzjoni tas-SISNET. Il-kuntratt preżenti għas-servizzi tan-netwerk tas-SISNET hu mmexxi f'isem l-Istati Membri mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill u ffinanzjat b'mod konġunt mill-Istati Membri.

Is-SIS II ġiet żviluppata bħala sostitut għas-SIS 1+, u għall-kuntrarju ta' din ta' l-aħħar, għandha tiġi finanzjata mill-baġit ta' l-UE u għandha topera fi ħdan in-netwerk s-TESTA. Id-data fil-mira għall-konsenja tas-sistema l-ġdida kienet Marzu 2007. Minħabba problemi differenti, il-proġett waqa' lura bosta drabi u l-aħħar tbassir huwa li s-SIS II mistennija tibda taħdem għall-Istati Membri li jużaw s-SIS 1 + fis-17 ta' Diċembru 2008.

Madankollu l-kuntratt tas-SISNET għandu jiskadi fit-13 ta' Novembru 2008. Dan joħloq sitwazzjoni tassew diffiċli, għax m'hu se jkun hemm l-ebda provvediment ta' servizz tan-netwerk disponibbli bejn it-13 ta' Novembru 2008 u s-17 ta' Diċembru 2008, u dan se jpoġġi f'periklu serju l-moviment ħieles fiz-zona ta' Schengen. Din iz-zona bla kontrolli tal-fruntieri interni tista' teżisti biss jekk ikun hemm netwerk ta' komunikazzjoni għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u għal skambji SIRENE addizzjonali li tabilħaqq ikun jaħdem b'mod kontinwu u b'mod konformi ma' l-ogħla standards tas-sigurtà.

Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex jiggarantixxi l-eżistenza ta' netwerk għas-SIS 1 + (skond l-iskeda kurrenti, is-SISone4all suppost diġà tinsab fis-seħħ), għall-perjodu ta' bejn it-13 ta' Novembru sas-17 ta' Diċembru 2008 (dejjem jekk ma jkun hemmx iżjed dewmien fir-rigward tas-SIS II). Hemm previsti dawn iż-żewġ azzjonijiet paralleli li ġejjin:

1 - It-titwil tas-servizz provdut min-netwerk SISNET

Fi Frar 2007, kien ġie deċiż li d-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill (mill-ġdid, billi jaħdem f'isem l-Istati Membri rilevanti) għandu joħroġ sejħa għall-offerti biex jiġġedded il-kuntratt tas-SISNET, bil-ħsieb li jiġi żgurat li s-servizz ikun disponibbli wara Novembru 2008.

2. Il-ħolqien ta' soluzzjoni ta' rimedju temporanju fi ħdan in-netwerk s-TESTA

Wara li kkunsidra r-riskji inerenti li jkun hemm f'kull proċess t'appalt, il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq kwalunkwe proposta legali meħtieġa sabiex tippermetti l-migrazzjoni tas-SIS 1+ mis-SISNET għan-netwerk s-TESTA (Secured Trans-European Services for Telematics between Administrations, li għandha tkun provduta fi ħdan il-qafas tas-SIS II), bħala soluzzjoni ta' netwerk alternattiv li jippermetti li s-sistemi tax-Schengen jibqgħu jaħdmu.

IL-PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI KURRENTI

Fil-11 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti: waħda għal Deċiżjoni tal-Kunsill u oħra għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambjent tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), li issa l-Parlament Ewropew qiegħed jiġi kkonsultat dwarha.

L-objettiv ġenerali tal-proposti tal-Kummissjoni huwa li jipprovdu soluzzjoni ta' rimedju temporanju li tippermetti l-kontinwità ta' l-operazzjonijiet tas-SIS meta jiskadi l-kuntratt kurrenti tas-SISNET u sakemm titlesta l-migrazzjoni tas-SIS II, f'każ li l-proċedura tas-sejħa għall-offerti tal-Kunsill ma tirriżultax fil-konklużjoni ta' xi ftehim jew kuntratt għall-provvediment tas-servizzi meħtieġa għall-ambjent tas-SIS.

Il-proposta hija maħsuba biex toħloq il-qafas legali meħtieġ għal din is-soluzzjoni temporanja, li għandha tiġi implimentata u tidħol fis-seħħ mhux iżjed tard mid-data li fiha jiskadi l-kuntratt tas-SISNET kurrenti. Il-proposta tistipula wkoll ir-responsabilitajiet tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-ispejjeż u tal-ġestjoni ta' l-istallazzjoni u ta' l-operazzjoni tagħha.

L-OPINJONI TAR-RAPPORTEUR

Ir-rapporteur jiddispjaċih li, għal darba oħra, għad-dewmien kollu irreġistrat fil-bidu ta' l-operazzjonijiet tas-SIS II, li qiegħed ikompli jikkawża l-problemi. Madankollu huwa konxju mill-bżonn li tinstab soluzzjoni għal din il-problema, li tista' tipperikola l-istess eżistenza taz-zona tax-Schengen.

Il-qafas preżenti tas-SIS 1+ (jew anke l-qafas tas-SISone 4all) jaqa' taħt ir-responsabilità esklussiva tal-Kunsill u ta' l-Istati Membri. Ladarba qegħdin nitkellmu dwar sistema intergovernattiva, ir-rapporteur hu tal-fehma li l-iżjed soluzzjoni effettiva f'sens ta' nfiq hija li jiġi stabbilit kuntratt tas-SISNET ġdid li jiżgura li n-netwerk jibqa' disponibbli wara it-13 ta' Novembru 2008. Dan għandu wkoll il-vantaġġ li jżomm qafas legali ċar u struttura ċara ta' governanza.

Għal din ir-raġuni, huwa jixtieq li s-sejħa għall-offerti mnedija mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tkun kapaċi tilħaq l-iżjed riżultat mixtieq, bil-konklużjoni fil-ħin ta' kuntratt li għandu jkun iffinanzjat b'mod konġunt mill-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS + u iżjed tard fis-SIS one4all.

Is-soluzzjoni ta' rimedju li hija prevista f'dawn il-proposti - l-istallazzjoni mill-Kummissjoni ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni ġdida għas-SIS 1+ permezz ta' kuntratt speċifiku mal-fornitur ta' l-s-TESTA, li għandu jkun iffinanzjat mill-baġit ġenerali ta' l-UE - jippreżenta riskji għoljin ħafna f'termini ta' dewmien fl-aspetti legali u tekniċi u f'termini ta' ambigwità fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Parlament Ewropew minn dejjem irrimarka li l-bidu ta' l-operazzjonijiet tas-SIS II, li diġà tinsab fil-qafas komunitarju, hija prijorità assoluta. Għalhekk huwa ta' dispjaċir li l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' dan in-netwerk il-ġdid fl-aħħar mill-aħħar se jiżvijja r-riżorsi umani u

finanzjarji mis-SIS II, kemm fuq livell Ewropew u kemm fl-Istati Membri. Difatti se jkunu meħtieġa riżorsi biex jiġu mmaniġġjati b'mod paralleli tliet proġetti differenti:

- SIS II

- SISone4all

- l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni l-ġdida.

Dan se jkollu impatt detrimentali fuq il-migrazzjoni tas-SIS II u se jirriżulta f'iżjed dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett SIS II.

Barra minn dan, l-impatt ekonomiku huwa negattiv ħafna ukoll, għax l-ispejjeż huma kbar wisq għas-soluzzjoni temporanja (ta' sena) li hija mressqa fil-proposti leġiżlattivi. L-ispejjeż ta' dan in-netwerk il-ġdid se jkunu finanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u huma sproporzjonati biċ-ċar meta mqabblin ma' l-objettivi.

Hemm ukoll nuqqas ta' definizzjoni ċara tar-responsabilitajiet (jiġifieri liema kompiti jibqgħu f'idejn il-Kunsill u l-Istati Membri, u sa liema punt il-Kummissjoni qiegħda tieħu r-responsabilità fil-kwistjoni).

Fid-dawl tal-konsegwenzi tassew negattivi spjegati hawn fuq, ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-għażla li jinħoloq dan in-netwerk ġdid hija żbaljata. Madankollu, fiċ-ċirkustanzi preżenti, huwa importanti li wieħed jinnota li fil-każ li l-proċedura tas-sejħa għall-offerti tfalli, il-propost inkwistjoni tal-Kummissjoni tidher li hi l-unika soluzzjoni li jifdal għall-problema tan-nuqqas possibli tad-disponibilità tan-netwerk ta' komunikazzjoni għall-operazzjonijiet tas-SIS u l-iskambji SIRENE relatati, li mbagħad tirriżulta, b'mod neċessarju, fl-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni.

In-netwerk kurrenti tas-SISNET jinkludi wkoll in-netwerk VISION, jiġifieri dak in-netwerk li jappoġġja l-proċeduri ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ tal-viżi. Jekk id-deċiżjoni finali li tittieħed tkun li jiġġedded il-kuntrat tas-SISNET, in-netwerk VISION għandu jkompli jopera fil-qasam tiegħu għal mill-inqas sena oħra. Mill-banda l-oħra, jekk id-deċiżjoni finali se tkun li jinħoloq netwerk il-ġdid, ikun hemm il-problema li diġà semmejna, għax minħabba n-nuqqas tal-VISION se jkun hemm lakuna fis-sistema. Qiegħed jitbassar li sa l-2012 il-VISION għandu jkun integrat fil-VIS (l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża li għandha tidħol minflok il-konsulti Schengen kollha dwar il-viżi). Madankollu sa dak iż-żmien jeħtieġ li tinstab soluzzjoni, li tkun tinvolvi l-inkorporazzjoni tal-VISION fin-netwerk s-TESTA u li l-Kummissjoni tieħu r-responsabilità tal-poteri ta' implimentazzjoni f'dan il-qasam (li bħalissa huma tal-Kunsill). Jeħtieġ li l-problema tissolva illum qabel għada, għax jidher ċar li x-Schengen ma tistax teżisti mingħajr in-netwerk VISION u li ma nistgħux nistennew għal strument legali ġdid li jsolvi din il-problema. Dan ikollu impatt baġitarju enormi.

Finalment ir-rapporteur iddeċieda wkoll li jressaq xi emendi bil-ħsieb li jsaħħaħ l-irwol tal-Parlament Ewropew fil-proċess kollu.